# Monsieur Jourdain

addattament mill-kummiedja

## Le Bourgeois gentilhomme

ta'

**MOLIÈRE**

Kitba ta'
Trevor Zahra

## Jiehdu Sehem:

Monsieur Jourdain
Madame Jourdain *(martu)*
Lucile *(bint Monsieur Jourdain)*
Maestro *(ghalliem tal-muzika)*
Zeffien *(Ghalliem taz-zfin*
Kmandant *(Ghalliem tad-dwell)*
Professur *(tal-filosofija)*
Tliet Qaddejja subien
Nicole *(tfajla qaddejja)*
Il-Konti Dorante
Il-Markiza Dorimène
Cleonte *(il-mahbub ta' Lucile)*
Covielle *(qaddej ta' Cleonte)*
Kantanta
Nutar
Zeffiena u Muzicisti

---

# Att Wiehed

### *Is-Sala ta' Monsieur Jourdain*

-------------------------------------------------------

ZEFFIEN: Liz-zeffiena qeghdin jistennew fl-intrata.

MAESTRO: Prosit. Lill-muzicisti tieghi wkoll hellejthom hemmhekk.

ZEFFIEN Qed nara li gibt mieghek il-muzika wkoll !

MAESTRO Dazgur. *(Jurih romblu karti li jkollu f'idu)* Qabbadt jiktibha lil wiehed mill-istudenti tieghi. Biex tikkomponi serenata li toghgob lil Monsieur Jourdain ma tridx wisq gherf.

ZEFFIEN Ghal Monsieur Jourdain kollox jghaddi, mhux hekk? Imma taf x'hemm tajjeb.... li idu miftuha sew meta jigi biex ihallas.

MAESTRO Minn daqshekk kollu minnu. La darba Monsieur Jourdain wahhalha f'mohhu li jrid isir *Gentlom* u jitghallem dak kollu li jafu l-kbarat... allura mieghu zgur naqilghuha tajjeb. Jiena nohodlu hsieb il-muzika....

ZEFFIEN U jien nohodlu hsieb iz-zfin.

MAESTRO U l-flus go bwietna dejjem dehlin.... ha ha ha...

ZEFFIEN Biss, nghidlek is-sewwa, xi drabi nkun nixtieq li dan l-imbierek ta' Monsieur Jourdain, kien kapaci japprezza x-xoghol li qed naghmlulu. Mill-flus qatt ma jhallina neqsin.... veru... imma afli, il-flus m'humiex kollox. Xi drabi nkun nixtieq l-apprezzament ta' min jifhem tassew. Jiena nghidlek li ghalina l-Artisti m'hemmx aghar mit-tifhir ta' l-injorant u c-capcip ta' min mohhu mimli bil-qargha twil!

MAESTRO Eh, habib... inti forsi ghandek ragun... imma t-tifhir u c-capcip ma jimlewx il-but. Jiena nghidlek li l-aqwa apprezzament huwa dak li jista' jissarraf f'valur monetarju... u minn dan it-tifhir Monsieur Jourdain ghandu biex ibigh.

*JIDHOL JOURDAIN LIEBES ILBIES TA' GEWWA. MIEGHU JIDHLU ZEWG QADDEJJA SUBIEN. WIEHED MINNHOM B'GAGAGA LUSSUZA MITWIJA FUQ DRIEGHU.*

JOURDAIN Hawn qed nara li intom bakkartu llum. L-ghodwa t-tajba hbieb. *(Lill-Maestro).* Inti lestejthieli dik il-<u>*bicca xi haga*</u> li kellek tikteb?

MAESTRO *(Offiz)* X'jigifieri? Xi trid tghid biha "bicca xi haga" ??

JOURDAIN Insomma... dik hemm... x'tghidulha intom... serenata hux hekk?

ZEFFIEN Jien lestejt ukoll zifna stupenda ghal maghha.

MAESTRO — Serenata mill-aqwa. Ghandna kollox lest biex insemmghuk il-muzika u tara z-zifna.

JOURDAIN — Tajjeb tajjeb.... irrid li ghal-lejla kollox imur tajjeb... anzi perfett.

ZEFFIEN — Mela nistghu nsejhu liz-zeffiena u l-muzicisti.

JOURDAIN — Stennew... l-ewwel irrid nilbes il-gagaga tal-harir. Qaluli li l-kbarat dejjem joqoghdu gewwa bil-gagaga. Tfajjel... ghinni nilbes... *(ikun ghoddu libisha).* Ghalkemm... qed nghid ahjar nilbisha wara, ghax taghmilli s-shana. *(jinzaghha).* Imma le, le... ahjar nilbisha. *(Jilbisha)* B'dil-gagaga tal-harir inkun nista' nara u nisma' ahjar. Haffu... fejn huma.... se thalluni nistenna ?

*JIDHLU L-MUZICISTI, ZEFFIENI u KANTANTA*

**Kanzunetta Nru. 1**

JOURDAIN — Tajba... mhux hazin kieku... imma ma jidhrilkomx li hi kemmxejn ta' swied il-qalb?

MAESTRO — Monsieur, il-kliem jehtieg jimxi f'armonija mal-muzika.

JOURDAIN — Iva dazgur... mela x'inhu. Imma darba kont smajt kanzunetta tghidx kemm kienet tajba. Sa ftit ilu kont ghadni nafha. Ha nara niftakarhiex. Iva... kienet xi haga hekk ara:

*Kien hemm wahda mara fartasa,*
*Li xehtet parrokka fuq rasha,*
*Dlonk sabet gharus*
*Li kien aghma w tal-flus*
*W qatt ma nduna li rasha langasa.*

Hux kemm hi tajba ?

ZEFFIEN — *(B'ironija)* Prosit Monsieur... ma kontx naf kemm ghandek vuci tajba.

MAESTRO — Imissek tibda tiehu l-lezzjonijiet tal-kant.

JOURDAIN — Tassew ?

MAESTRO — Dazgur... il-kbarat gentlomi kollha jitghallmu l-kant.

ZEFFIEN — U z-zfin.

JOURDAIN — Mela x'inhu! Minn ghada stess irridkom tibdew taghtuni l-lezzjonijiet.

*JIDHLU QADDEJJA 1 u 3*

QADDEJ-1 Monsieur, wasal il-Kmandant tad-dwell.

QADDEJ-3 Monsieur, wasal il-Kmandant tad-dwell.

JOURDAIN Ahhh.. prosit! Ghidulu jghaddi malajr. *(Lil Zeffien u lil Maestro)* Ghax mill-gimgha l-ohra 'l hawn bdejt niehu l-lezzjonijiet tad-dwell... jew ahjar: *L-Arti tax-Xabla...* ghax qaluli li qatt ma tista' tkun tabilhaqq gentlom, jekk ma tkunx taf thaddem ix-xabla. Il-mara tghidli li dawn kollha hmerijiet... imma dik miskina mohhha dghajjef u qatt ma tasal biex tifhem misteri bhal dawn.

*JIDHOL KMANDANT*

KMAND L-ghodwa t-tajba Monsieur Jourdain... qed nara li ghandek il-mistednin.

JOURDAIN Dawn huma l-hbieb tieghi l-Maestro Clebeau li qed jghallimni l-muzika u l-Maestro Chenelle li qieghed jghallimni z-zfin.

KMAND Mahbub Monsieur Jourdain, il-parir tieghi huwa li ahjar tiddedika hinek kollu fuq l-Arti tax-Xabla. Wara kollox... din hi <u>l-aqwa</u> minnhom ilkoll.

ZEFFIEN/
MAESTRO *(Offizi)* Kif inhi din ?

ZEFFIEN Trid tghid li x-xabla hija aqwa miz-zfin...??

MAESTRO Jew mill-muzika??

KMAND Hekk hu! X'jiswew dawn il-hmerijiet kollha quddiem il-ponta tax-xabla, eh...?

ZEFFIEN Hmerijiet..!!! Ma nippermettilek qatt tuza din il-kelma quddiem l-arti sagra taghna.

MAESTRO Sur Kmandant.... dik li inti ssejhilha l-Arti Tax-Xabla mhi xejn ghajr loghob tat-tfal. Ghadkom bhall-vavi tilaghbu tas-suldati... u malli xi hadd imerikom arakom tisiltu x-xabla u tilaghbuha tal-kbar.

ZEFFIEN *(lill-Maestro... imma apposta biex jisimghu l-Kmandant)* U l-intelligienza kollha taghhom hija rqiqa daqs ix-xabla li juzaw u timmolla aktar minnha. *(jiddiehku).*

KMAND Ninfidkom it-tnejn u naghmilkom passatur.

JOURDAIN Isktu... isktu... hallikom minn dal-hmerijiet... isaw !

MAESTRO U ahna nbellghuk snienek u nnittfulek mustaccik.

KMAND Monsieur, qed nibza' li f'din id-dar illum se naghmel wahda tinkiteb. Li kieku mhux ghax nibza' ghal dawn it-twapet tieghek kont nahsel kull m'hawn bid-dmija.

ZEFFIEN Qed jibza' li jaqta' sebghu bix-xabla tieghu stess.

KMAND Ja zewg imbecilli.

MAESTRO Pupu mlibbes ta' buffu.

KMAND Issa zzejjed... Monsieur, skuzani imma se jkolli nfarraklek nofs l-ghamara li ghandek! *(ikun se jislet ix-xabla).*

*JIDHOL Il-PROFESSUR.*

PROFESSUR X'gara... dan l-ghajat kollu??

JOURDAIN *(Jiehu r-ruh)* Ahh... Professur ta' qalbi... wasalt propju fil-hin. Ghandna bzonn il-gudizzju tieghek dwar it-tilwima li nqalghet bejn dawn it-tlitt ihbieb tieghi. *(Lit-tlieta l-ohra)* Dan huwa l-Professur tal-Filosofija... li qed jigi jaghtini lezzjonijiet dwar l-gherf kollu tad-dinja.

PROFESSUR Ghiduli... ghiduli... x'inhi dit-tilwima ta' bejnietkom?

MAESTRO *(Juri lill-Kmandant.)* Dan il-..... il-.... irid jghid li l-loghob bix-xabla huwa aqwa mill-Arti taghna.... mill-Arti tal-Muzika...

ZEFFIEN U mill-Arti taz-Zfin....

KMAND U hekk nibqa' nsostni. L-Arti Tax-Xabla hija Sultana fuq kollox.

PROFESSUR Bil-mod l-ahwa... ma nghagglux. Jiena nahseb li intom it-tlieta ghandkom zball.

L-OHRAJN: X'inhu!

PROFESSUR Hekk hu. Dawk li intom qed issejhulhom ***Arti*** mhuma xejn hdejn il-kobor tal-Filosofija. X'jiswew il-muzika, iz-zfin u l-loghob bix-xabla jekk mohhkom ma jkunx miftuh ghall-misteri tal-hajja.

ZEFFIEN Aghlaq halqek ja bahnan...

MAESTRO Ja pulcinell....

KMAND Ja pupu mlibbes ta' buffu....

PROFESSUR — Intom m'intom xejn hlief bicca gladjatur u bicca daqqaq u bicca ballerin!

IT-TLIETA — Nuruk ahna... mela hudha... dan izzejjed taf... (ecc)

*JAQBDU F'XULXIN U JOHORGU 'L BARRA JIGGIELDU.*

JOURDAIN — *(Wahdu)* Iggieldu kemm tridu mela.... tahsbux li se nipprova nferraqkom. Mela x'naghmel!!! Biex ngharraq din il-gagaga gdida tal-harir. Gentlom tal-klassi tieghi m'ghandu qatt jindahal fi glied redikolu bhal dan.

*JIDHOL MILL-GDID IL-PROFESSUR BI HWEJGU MHARBTIN.*

PROFESSUR — *(Jirranga hwejgu u jitfarfar)* Kollox sew. Issa nistghu nibdew il-lezzjoni. X'tixtieqni nghallmek ilum?

JOURDAIN — Kollox. Irrid nitghallem dak kollu li l-genituri tieghi m'ghallmunix meta kont ghadni zghir.

PROFESSUR — Ghandek ragun; *nam sine doctrina vita est quasi mortis imago.* Inti tifhmu l-Latin, hux hekk?

JOURDAIN — Dazgur... dazgur... imma ejja nghidu li jkun hawn xi hadd li ma jifhmux, kieku dik kif tfissirhielu?

PROFESSUR — Jigifieri: *Minghajr taghlim il-hajja tkun biss xbiha tal-mewt!*

JOURDAIN — Precizament! Eh... il-Latin lingwa kbira. Mela x'se tghallimni llum?

PROFESSUR — Trid nibdew bi ftit tal-Logika.

JOURDAIN — Logika? Din xi tkun ezattament?

PROFESSUR — Il-Logika hija x-xjenza li tittratta t-tliet operati tal-mohh...

JOURDAIN — Jigifieri...?

PROFESSUR — Jigifieri l-ewwel kif il-mohh jikkoncepixxi bis-sahha tal-premessi, it-tieni kif il-mohh jirraguna bis-sahha tal-kateoriji, u t-tielet kif il-mohh jigbed il-konkluzjonijiet bis-sahha tal-figuri: Barbara, Celarent, Darii, Ferio, Baralipton..ecc

JOURDAIN — X'wahda din x'ismijiet koroh dawn! Le, le le... nippreferi tghallimni xi haga isbah.

PROFESSUR — Mela tridx nghaddu ghal ftit filosofija morali.

JOURDAIN — Din xi tkun?

PROFESSUR Il-filosofija morali tghallem lill-bniedem kif jikkontrolla l-passjonijiet tieghu....

JOURDAIN Le, le, le... din mhix tajba ghalija. Jiena bniedem tad-dinja u ma tantx inhobb min jindahalli fil-passjonijiet tieghi. Meta jkolli aptit nirrabja rrid nirrabja b'qalbi kollha.

PROFESSUR Mela allura x'se naqbad nghallmek?

JOURDAIN Ghallimni l-ortografija.

PROFESSUR La darba trid hekk. Kollox sew. Mela jehtieg nibdew mill-ittri ta' l-alfabet. Dawn il-famuzi ittri jinqasmu fi tnejn: vokali u konsonanti. Il-vokali huma hamsa A, E, I, O, U... u l-konsonanti huma dawk kollha li mhumiex vokali. Qed tifhimni?

JOURDAIN Sa l-inqas dettal.

PROFESSUR Tajjeb. Il-vokali **A** llissnuha billi nifthu halqna berah... A A A A

JOURDAIN A A A. Prosit. Hekk hu!

PROFESSUR Il-vokali **E** llissnuha billi ntellghu x-xedaq ta' taht 'il fuq, vicin ix-xedaq ta' fuq: A... E...

JOURDAIN A - E... A - E... X'kull wahda wkoll! Tafx li ghandek ragun !!

PROFESSUR Biex nghidu l-vokali **I** jehtigilna nkomplu rressqu x-xedaq ta' fuq u ta' taht eqreb lejn xulxin u ggebbdu ftit halqna lagenba... A , E, I

JOURDAIN A - E - I I I I... preciz... prosit..! Ahh kemm hu sabih l-gherf !

PROFESSUR Il-Vokali **O** nghiduha billi naghlqu halqna u naghmlu xofftejna forma ta' cirku. A-E-I- O O O O

JOURDAIN X'ghegubijiet A-E-I- O O O O. Tafx li veru!

PROFESSUR U fl-ahharnett il-vokali **U** ... nghiduha l-istess bhall-O imma ngebbdu xofftejna aktar 'il barra. A-E-I-O- U U U U

JOURDAIN A-E-I-O- U U U U... xi gmiel! X'misteri kbar fiha l-hajja! Tassew dnub li ma bdejtx nitghallem qabel.

PROFESSUR Ghada nibdew nitghallmu l-konsonanti.

JOURDAIN Hmmm... professur... nixtieq nghidlek xi haga bejni u bejnek.. sigriet.

PROFESSUR Tkellem Monsieur... tkellem...

JOURDAIN Bejnietna.. jiena tlift ghaqli wara certa Markiza... gmiel tas-sema u l-art. Nixtieqek tghinni niktbilha ittra... ittra li nkun nista' nixhithielha baxxa baxx go hogorha... Irridha miktuba bl-aktar mod irfinut.

PROFESSUR Fhimtek. Kif trid li niktbhuha... f'ghamla ta' poezija?

JOURDAIN Le.. le.. mhux poezija.

PROFESSUR Tajjeb, mela niktubha fi proza.

JOURDAIN Le... le lanqas proza.

PROFESSUR Imma Monsieur, jehtieg bil-fors li tkun jew wahda jew l-ohra.

JOURDAIN L-ghaliex ?

PROFESSUR Ghax hawn biss zewg modi kif tista' tikteb: jew poezija jew proza.

JOURDAIN Daqshekk biss?

PROFESSUR Hekk hu... dak kollu li mhux poezija huwa proza u dak kollu li mhux proza huwa poezija.

JOURDAIN Allura d-diskors ta' kuljum xi nsejhulu?

PROFESSUR Proza.

JOURDAIN Kif, allura trid tghidli li meta lil Nicola s-seftura nghidilha***: 'Fittex newwilli l-papocc u l-beritta!'*** jien inkun qed nitkellem bil-proza ?

PROFESSUR Hekk hu.

JOURDAIN Xi gmiel! Ili aktar minn erbghin sena nitkellem il-proza u ma kontx naf. Grazzi Professur... grazzi minn qalbi talli qed tiftahli mohhi ghal dan l-gherf kollu.

*JIDHLU QADDEJJA 2 u 3*

QADDEJ-2 Monsieur, wasal il-lavrant tal-hajjat bil-libsa l-gdida.

QADDEJ-3 Monsieur, wasal il-lavrant tal-hajjat bil-libsa l-gdida.

JOURDAIN Kollox sew.. ghidulu jidhol fis-sala z-zghira. Imxi mieghi, Professur, halli nipprova l-libsa l-gdida u fl-istess hin tghidli x'jidhirlek minnha. Imbaghad nibqghu sejrin fl-istudju halli naraw kif se niktbu dik l-ittra.

*QADDEJJA, PROFESSUR u JOURDAIN JOHORGU.*
*JIDHLU MADAME JOURDAIN u NICOLE*

NICOLE Monsieur Jourdain qalli li l-Konti ghandu jerga' jigi dal-ghodu.

MADAME Dazgur.. issa qed johodha drawwa gej u sejjer. Afli tassew ghandi ragel bahnan biex qed ihalli bniedem bhal dak jaqbad mieghu b'dan il-mod.

NICOLE Biex nghidlek, Madame, jien xejn m'ghandi grazzja mieghu. Dawn il-kbarat lilna jarawna dubbien.

MADAME U l-ghaziz zewgi mohhu mimli li l-Konti l-akbar habib tieghu.

NICOLE Hbieb ta' dan it-tip jien xejn ma niehu gost bihom. *(Minn taht l-ilsien)* Bejnietna, Madame, il-Konti tghidx kemm flus qed jissellef minghand zewgek. Monsieur Jourdain twajjeb wisq.

MADAME Mhux twajjeb ridt tghid ... imma **<u>bahnan</u>**!!!

NICOLE Ara ma tmurx tikxifni tafx....

MADAME Ruhi Nicole, jien tghidx kemm ili nissuspetta. U inti tahseb li bniedem aristokratiku bhall-Konti, se joqghod jithabbeb ma' bicca negozjant bhal zewgi ghalxejn.... hekk... ghas-sabih wiccu ? Dak xamm li ghandna l-flus u qed jisolhu helu helu. Imma xi trid taghmel la darba zzewwigt bahnan.

*JIDHOL JOURDAIN B'LIBSA REDIKOLA*

MADAME *(lil Nicole)* Rajtx x'ghidtlek... mhux biss bahnan imma buffu wkoll. *(lil Jourdain)* Hemm xi lbist... mela ma tafx li l-Karnival ghadda?

JOURDAIN Ghaziza marti, jisghobbija nghidlek li inti tassew ma tifhimx fil-moda ta' l-aristokrazija. Dan huwa l-istil l-aktar popolari fost il-kbarat.

MADAME Eh iva? Mela ghalfejn ilbistu <u>int</u> ??

JOURDAIN Tassew ingrata! Jiena naghmel hilti biex ngholli l-livell tal-familja taghna u nithabbeb ma' l-aqwa nies tal-belt u inti dejjem tipprova tbaxxini. Jien qed nipprova nitghallem u niftah mohhi... waqt li int bqajt fejn kont. Ara... ha naghtik prova. Bhal issa jiena biex qed nitkellem?

MADAME Tajba din... b'ilsienek.

JOURDAIN Iva... imma x'qed nghid...?

NICOLE Salt hmerijet.

JOURDAIN Iskot int, ja injoranta u tindahalx fi hwejjeg bhal dawn. *(lil martu)* Waqt li qed inkellemek... bhal issa... jiena x'jiena nuza?

MADAME U issa jien naf.... sewwa qaltlek Nicole... salt hmerijiet.

JOURDAIN Qed taraw kemm ma tafu xejn!? Kemm bqajtu fid-dalma ta' l-injoranza! Bhal issa jiena qed nuza l-proza! IL-PROZA!

NICOLE *(lil Madame)* Nahseb il- "POZA" ried jghid.

JOURDAIN *(lil Nicole)* U int ukoll.. ersaq ftit 'l hawn. Ghid l-ittra E.

NICOLE X'inhu?

JOURDAIN Isa... ghid l-ittra E

NICOLE E-E-E-E-

JOURDAIN Taf x'inti taghmel bhal issa...

NICOLE Nghid l-ittra E.

JOURDAIN Bhal issa inti qed tittella' x-xedaq ta' taht lejn ix-xedaq ta' fuq u ggebbed halqek lagenba. E-E-E-E

NICOLE E-E-E-E...

MADAME U biex jghidulek dan kollu qed thallashom il-flus !!??

JOURDAIN Afli inti tassew stinata u trid tibqa' mohhok maghluq.

NICOLE Jien nahseb li l-Madame qed tipprova tiftahlek mohhok tassew...

JOURDAIN Iskot int u razzan ilsienek. Ftakar dejjem li int m'inti xejn hlief bicca seftura.

NICOLE Mieghek ma tantx hemm cans ninsa, Monsieur... ghax ma tghaddix gurnata li ma tfakkarnix li jien *bicca seftura!*

MADAME *(lil zewgha)* Nicole qed tghidlek sewwa. Ma nafx kif ma tisthi minn hadd.... kiber u tiblieh!

JOURDAIN Ara x'qed nghidlek... minn hawn u ftit iehor ghandu jasal il-habib kbir tieghi, il-Konti Dorante... qis li tara kif iggib ruhek quddiemu. Jekk ma tafx kif mur inheba x'imkien.

MADAME Habib kbir... dazgur... biex jisloh il-flus minn fuq dahrek.

JOURDAIN X'inhu!! Jisloh xejn... anzi huwa ta' unur ghalija li jkolli l-opportunita' naghmel pjacir lil bniedem importanti bhall-Konti.

MADAME Dazgur... issa tara kemm se jaghtihomlok lura malajr. Jien nghidlek li dak kollu li sliftu tista' troddlu s-salib.

JOURDAIN Ma tisthix titkellem hekk fuq il-kbarat ?

*JIDHLU QADDEJJA 1 u 3*

QADDEJ-1 Monsieur... wasal il-Konti Dorante.

QADDEJ-3 Monsieur... wasal il-Konti Dorante.

JOURDAIN Fittxu ghidulu jghaddi. *(lil Madame)* U inti ara x'ghidtlek... razzan ilsienek.

NICOLE Madame, nahseb jien ahjar immur nara x'ghad fadalli naghmel fil-kmamar ta' fuq.

MADAME *(aside)* Le... le... oqghod hawn ha naraw dil-bicca kif inhi gejja.

*JIDHOL IL-KONTI*

KONTI *(isellem b'hafna cerimonji esagerati)* Ah.. Madame u Monsieur... l-ghodwa t-tajba. Nittama li l-Madame tinsab tajba.

MADAME Kieku n-nies ihalluna bi kwietna nkunu wisq ahjar.

KONTI *(lil Jourdain)* U l-habib tal-qalb taghna, kif inhuwa dal-ghodu ?

JOURDAIN Tajjeb hafna, ghaziz Konti... u meta nkun fil-kumpanija tieghek, inhossni wisq ahjar.

MADAME *(Aside ... lil Nicole)* Smajtha l-farsa... se tibda.

KONTI Jiena ma gejtx biss biex narak... imma gejt, qabel xejn, biex niffinalizzaw il-bicca ta' dik is-somma li inti gentilment ghogbok tislifni. Irrid li mill-aktar fis inroddlok flusek lura.

JOURDAIN *(Aside... lil Madame)* Qed tara kif ikunu l-gentlomi.

KONTI Inti nahseb ghandek miktub x'imkien, hux hekk, kemm hija s-somma dovuta minni, lilek?

JOURDAIN *(Jimxi lejn mejda u jgib karta)* Iva.. hawn ara...
*(lil Madame)* Qed tara kif is-suspetti tieghek huma bla sens?
*(Lill-Konti)* Mela.. hawn ara: l-ewwel darba kont sliftek 200 Livre....

KONTI Iva... niftakar.

JOURDAIN Imbaghad gimgha wara sliftek 350.

KONTI Hekk hu.

JOURDAIN 150 Livre meta hallastek il-kont tal-hajjat.

KONTI Precizament.

JOURDAIN 400 Livre li kont slift lil missierek.

KONTI Dazgur, dazgur... dawk irridu nghodduhom ukoll.

JOURDAIN U fl-ahhar nett il-500 tal-gimgha l-ohra.

MADAME *(Lil Nicole)* Meta ghidlek li zewgi bahnan, hadt zball. Ridt nghid mignun!

KONTI Prosit. Qatt ghadni ma ltqajt ma' gentlom tal-kalibru tieghek. Mela ghoddli ftit it-total ha naraw kemm jigu b'kollox.

JOURDAIN Ghandi miktub ukoll. B'kollox jigu elf u sitt mitt Livre.

KONTI Ghaziz habib, nahseb li ghandek zball... ridt tghid elfejn Livre.

JOURDAIN X'inti tghid ghaziz Konti..!? Jien qatt ma nasal biex nitlob aktar milli nkun slift. Ghandek taghtini biss elf u sitt mitt Livre.

KONTI Imma jiena nsostni li ghandi naghtik elfejn Livre.

JOURDAIN Hawn ara habib *(jurih il-karta)* elf u sitt mitt Livre biss.

KONTI Iva... imma maghhom inti nsejt izzid l-400 Livre li se tislifni llum.

JOURDAIN Hmmm.. kif.... hmmm ... dazgur.. dazgur... grazzi ghaziz Konti; Nammetti li dawk kont se ninsiehom. Tassew napprezza s-sincerita' tieghek.

MADAME *(lil Nicole)* Imxi 'l barra Nicole... ghax jekk nibqa' hawn nibza' li se naghmel wahda tinkiteb.

KONTI Jaqaw il-Madame thossha xi ftit storduta?

MADAME Iva... ic-cifri kbar lili dejjem jistorduni. Imxi Nicole.

*MADAME U NICOLE JITILQU.*

JOURDAIN Hekk ahjar... issa nistghu nitkellemu bil-liberta' kolha. X'qaltlek il-Markiza Dorimène.... accettatu r-rigal tieghi ?

KONTI Nghidlek is-sewwa ghall-ewwel ma riditx taccettah....

JOURDAIN Imma r-rigali l-ohra li bghattilha kollha accettathom. Inhossni tlift ghaqli warajha.

KONTI Iva, imma r-rigali l-ohra kienu...biex nghid hekk... rigali zghar meta tqabbilhom ma' dak id-djamant ta' l-ghageb li bghattilha. Qaltli: 'Ma nixtiqux jahseb li rrid napprofitta ruhi minnu !'

JOURDAIN Ah.. x'nobbilta' ta' karattru. Ma habbejt lil hadd daqsha. U l-istedina ghall-pranzu tal-lejla accettatha wkoll?

KONTI Iva... imma tinsiex xi ftehemna. Se nigu jien u hi flimkien taparsi gharajjes.

JOURDAIN Dazgur, dazgur... b'hekk il-mara tieghi ma tissuspetta xejn. Ghaziz habib, tassew inhossni obbligat lejk ta' dan kollu li qed taghmel mieghi: tar-rigali li qed twassalli ghand il-mahbuba ta' qalbi... u talli qed tipprova tqanqalha ghalija. Tassew inhoss li <u>jien</u> ghandi d-dejn mieghek u mhux int.

KONTI Dan qed naghmlu bil-qalb u bil-ferha kollha. Il-bierah stess kont qed nitkellem dwarek mal-kbarat fil-palazz tar-Re?

JOURDAIN Tassew?

KONTI Ghidtilhom li ghadni qatt ma ltqajt ma' gentlom tal-klassi tieghek.

JOURDAIN Tassew? U huma x'qalulek... jafuni ?

KONTI Dazgur li jafuk. U lkoll qablu mieghi li gentlom tat-tip tieghek ghadhom qatt ma raw.

JOURDAIN *(jinzel ibuslu idu)* Grazzi habib... grazzi...

KONTI U haga ohra qabel ninsa. Il-lejla, la tigi l-Markiza Dorimène, qis li ma ssemmilha xejn dwar ir-rigali u d-djamant li bghattilha...

JOURDAIN Hekk tahseb ?

KONTI Dazgur. Ma' mara nobbli bhall-Markiza Dorimène mhux xieraq li toqghod issemmilha r-rigali li bghattilha. Ibqa' cert li aktar tiehu impressjoni tajba tieghek meta tara li ghalik dawk ir-rigali qishom xejn. Jekk toqghod issemmihomlha timbarazzaha.

| | |
|---|---|
| JOURDAIN | Ghandek ragun. Inti tassew habib sincier. Issa imxi... ha nixorbu ftit flimkien... imxi... |
| | *JOURDAIN u KONTI JITILQU* |
| | *JOHORGU LUCILE, NICOLE U MADAME* |
| MADAME | Inti thabbel rasek xejn, ruhi... ibqa' dejjem ghidlu le. Missierek ma jistax jaqbad u jzewgek lil min ifettillu. |
| LUCILE | Jien ma rrid nizzewweg lil hadd hlief lill-mahbub tieghi Cleonte. |
| NICOLE | U jien ma rrid nizzewweg lil hadd hlief lis-seftur ta' Cleonte... is-sbejjah Covielle. |
| MADAME | U hekk isir! Issa taraw! |
| NICOLE | Imma Monsieur Jourdain xejn m'ghandu grazzja maghhom. |
| LUCILE | Id-darba l-ohra qalli li jrid izewwgini ma' xi Konti jew Markiz; ghax skond ma qal hu, Cleonte mhux hlief bin neguzjant. |
| MADAME | U int x'inti.... mhux bint neguzjant ukoll!? Anzi jekk nigu ghal dan, inti aghar minn Cleonte, ghax inzertajt bint neguzjant **bahnan**! Imma did-darba minix se nhalliha tghaddi tieghu.... issa taraw. |
| NICOLE | Fejn tafu Covielle kemm huwa gentili u mohhu jilhaqlu! Monsieur Cleonte jahlef bih. |
| MADAME | Intom hallu f'idejja. |
| | *JITILQU* |
| | *JIDHLU CLEONTE U COVIELLE* |
| CLEONTE | Lucile ta' qalbi... fejn inti...? |
| COVIELLE | Ghaziza Nicole... fejn mort tistahbali ? |
| CLEONTE | Lucile... |
| COVIELLE | Nicole.... |
| | *JIDHLU LUCILE U NICOLE U JMORRU JGHANNQUHOM* |
| LUCILE | Ghaziz Cleonte... hawn x'gejt taghmel? Mela ma tafx li jekk missieri jarak, tqum wahda kbira ? |

CLEONTE Naf iva... imma jehtieg inkellmek mill-aktar fis. Hemm bzonn tkun taf b'dak li se naghmlu l-lejla. Covielle ghandu pjan tassew tajjeb. Ghidilha Covielle.

COVIELLE *(lil Lucile)* Imma l-ewwel nett irridu l-permess tieghek biex nidhku dahka kbira b' Monsieur Jourdain u bis-sahha ta' din ic-cajta int jirnexxilek tizzeweg lil Monsieur Cleonte u jien lill-ghaziza tieghi Nicole...

NICOLE Covielle ta' qalbi.

LUCILE Ghandkom il-permess tieghi kollu. Imma issa rridu nafu x'bi hsiebkom taghmlu....

*L-ERBGHA LI HUMA JERSQU JPESPSU F'WIDNEJN XULXIN U JIDDIEHKU WAQT LI TIDHOL IL-MUZIKA U JITBAXXA D-DAWL GHAL BLACKOUT*

*JIXGHEL KOLLOX*
*QADDEJJA 2 u 3 JIDHLU FLIMKIEN MAL-KONTI U L-MARKIZA.*

QADDEJ-2 Stennew hawnhekk, jekk joghgobkom.....

QADDEJ-3 .... Jekk joghgobkom..

QADDEJ-2 Halli mmur navza lill- Monsieur Jourdain bil-wasla taghkom.

QADDEJ-3 .... bil-wasla taghkom !

KONTI Ghidulu m'ghandux ghagla.

*QADDEJJA 2 u 3 JITILQU*

MARKIZA Ghandi seba' mitt sena sa ma nara min huwa dan il-famuz Monsieur Jourdain.

KONTI Tarah biss bizzejjed biex thoss qalbek se tinqasam bid-dahk.

MARKIZA Ma jaqbilx inkompli naqsam qalbi aktar... bizzejjed hawn xi hadd li ga qed jaqsamhieli. *(Titfissidlu)*

KONTI *(Jghannaqha)* Ghaziza tieghi...

MARKIZA L-aktar b'dawk ir-rigali li qed tibghatli.

KONTI Jisthoqqlok aktar minn hekk. Wisq aktar.

MARKIZA Aktar minn dak id-djamant li tajtni l-bierah!!!???

KONTI — Dak mhu xejn! M'hawn l-ebda djamant, fid-dinja kollha, li jizboq il-gmiel ta' ghajnejk.

MARKIZA — Ghaziz ta'qalbi. Imma mhux sewwa tonfoq dawk il-flejjes kollha fuqi. Ara kemm rigali ilek taghtini.

*JIDHOL JOURDAIN*

JOURDAIN — *(Jersaq quddiem il-Markiza jaghmel sensiela ta' inkini)*
Merhba bik nobbli Markiza u nizzikhajr mill-qiegh nett ta' qalbi talli ghogbok tixhet fuqi unur kbir bhal dan u tigi zzejjen id-dar fqajra tieghi bil-prezenza radjenti u illustrissima tieghek... unur li se jibqa' stampat hawn go qalbi ghall-eternita'.

KONTI — *(lill-Markiza)* Kif tista' tara, il-habib taghna Monsieur Jourdain huwa l-apice tal-gentilezza.

MARKIZA — Huwa pjacir u unur ghalina li nilqghu l-istednina tieghek, twajjeb Monsieur.

JOURDAIN — Nittama li l-ikel u d-divertiment li hejjejna jkun kollu ghall-gosti tieghek. U la qed insemmu d-divertiment jaqbel li qabel ma nghaddu ghall-pranzu nisimghu ftit tal-muzika.
*(Icapcap idejh)* Muzika... haffu!

*JIDHLU ZEFFIENA , MUZICISTI u KANTANTA*

***KANZUNETTA Nru 2*** *--- ZIFNA*

*MA' TMIEM IZ-ZIFNA JIDHLU QADDEJJA 1 u 3*

QADDEJ-1 — Monsieur, hawn sinjur li qed jghid li huwa l-Konti Julien. Jixtieq ikellmek.

QADDEJ-3 — Monsieur, hawn sinjur li qed jghid li huwa .......

JOURDAIN — Issa!? M'ghidtulux li bhal issa ghandi l-mistednin?

QADDEJ-1 — Ghidtlu Monsieur, imma qal li ghandu messagg urgenti ghalik.

QADDEJ-3 — Urgenti ghalik !

JOURDAIN — *(Lill-Konti)* Qatt smajt bih dan il-Konti Julien?

KONTI — Ma jidhirlix... forsi minn xi belt imbieghda.

JOURDAIN — Insomma... naraw xi nqala'. Ghidulu jghaddi.

*JIDHOL COVIELLE B'ILBIES NOBBLI.*

COVIELLE Ah.... Monsieur Jourdain... kemm qed nifrah li qed nerga' narak wara dawn is-snin kollha!

JOURDAIN Tassew? Skuzani... ma nistax niftakar li qatt kellna konoxxenza ta' xulxin.

COVIELLE Dazgur... meta ltqajna l-ahhar konna ghadna t-tnejn ckejknin hafna. Imma l-papa' tieghek u tieghi kienu t-tnejn hbieb kbar. Il-familja tieghi kienet siefret lejn Kostantinopli snin ilu.

JOURDAIN Jista' jkun... ghax il-papa' tieghi kellu hafna hbieb influwenti. Hallini nintroducik man-nobbli Markiza Dorimène u mal-habib kbir tieghi l-Konti Dorante.
*(isellmu 'l xulxin)*

KONTI *(lil Markiza)* Afli dan jixbah mija fil-mija lil Covielle, il-qaddej ta' Cleonte.

COVIELLE *(Aside, lill-Konti)* Ixxx.. iskot... Dazgur li jiena Covielle. Imma ghal issa jiena l-Konti Julien. Issa taraw xi praspura ghandna fil-komma.

MARKIZA Ghandi pjacir nobbli Konti Julien.

COVIELLE *(Lil Jourdain)* Gejt apposta minhabba s-sbejha bintek.

JOURDAIN Binti? Isma' x'kull wahda! Binti fiex tidhol?

COVIELLE Ghandek ragun. Halli nibdielek kollox mill-bidu nett. Wiehed mill-akbar hbieb tieghi f'Kostantinopli huwa Sahib Muxtafa' Es-Sid, it-tifel il-kbir tal-Gran Sultan Tork....

JOURDAIN Tassew?

COVIELLE Fil-fatt ghamilna dan il-vjagg flimkien. Bin il-Gran Sultan wahhalha f'rasu li jrid jizzewweg tfajla minn din il-belt. Ftit jiem ilu ra lis-sbejha bintek hierga mid-dar u nista' nassigurak li tilef rasu warajha. Ilu ma jorqod tliet iljieli. Talabni bil-hniena biex nitkixxiflu min hija.. u jien... malli sirt naf li din it-tfajla mhi hadd hlief bintek l-ghaziza... ghidtlu jhalli l-bicca f'idejja peress li jien habib antik tal-familja.

JOURDAIN *(lill-Konti u l-Markiza... kollu ferh u eccitament)* It-tifel tal-Gran Sultan Tork irid jizzewweg lil binti!! Din qatt ma kont nobsorha f'mitt sena.

COVIELLE Bhala rikonoxximent tal-kunsens tieghek, lilek lest li jahtrek Makukicci...

JOURDAIN Makukicci???

COVIELLE Makukicci tfisser nobbli ta' l-oghla grad... nghidu ahna bhal.... hmmm...

KONTI Bhal Konti ?

COVIELLE Le... oghla minn hekk...

MARKIZA Jew Markiz ?

COVIELLE Oghla, oghla...

KONTI Forsi Duka ?

COVIELLE Ejja nghidu xi haga bejn Duka u bejn Princep.

JOURDAIN Imma din ix-xorti hija zzejjed ghalija. Jehtieg infittex ngharraf b'kollox lil marti.

COVIELLE Martek, naturalment issir awtomatikament Makukicca. Allura lill-Princep nista' nghidlu li inti taccettah bhal zewg bintek ?

JOURDAIN Naccettah? B'idejja t-tnejn miftuhin berah.

COVIELLE Allura nahseb li ahjar immur nghdilu jidhol.

JOURDAIN Kif... trid tghidli li Bin il-Gran Sultan ilu daz-zmien kollu wara l-bieb, jistenna? Mur fittex ghidlu jidhol... haffef... haffef !

*COVIELLE JITLAQ*

JOURDAIN Habat tajjeb li intom inzertajtu hawn mieghi. *(Lill-Markiza)* Ghaziza Markiza, issa, la darba se nilhaq Makukicci, nittama li l-kumpanija tieghi tkun tista' taghmillek unur akbar.

*JIDHOL MILL-GDID COVIELLE SEGWIT MINN CLEONTE LIEBES TA' TORK NOBBLI.*

COVIELLE Il-Princep Sahib Muxtafa' Es-Sid, bin il-Gran Sultan Mahfus bin Maghkus El-kabir.

CLEONTE *(Jaghmel inkin u tislima torka)* Akkam krok soler onk alla mustafa' gidela varihi...

JOURDAIN *(lil Covielle)* X'qalli ? X'qalli ?

COVIELLE Qallek: Ir-raggi tax-xemx isaltnu go din id-dar u l-ferh jissawwab fuqek bhall-ilma gieri.

JOURDAIN Ah... l-ilsien Tork kemm huwa lingwa sabiha!! Fittex ghidlu li jiena nilqa' bil-ferha il-proposta tieghu li jiehu lil binti b'martu.

COVIELLE *(lil Cleonte)* Marbaba sahem am krikki al kordoban tellem, markibi harba salem.

CLEONTE Faranga faran, palanga palan, sirka sirki sarka, barka, birka, berka... solanka solen... amaga...

COVIELLE Qallek: "Grazzi hafna!" Issa nahseb li ahjar issejjah lil bintek biex tfittex tlaqqaghha ma' l-gharus gdid taghha.

KONTI U nahseb li dak li ghandu jsir ahjar ifittex isir minnufih.

COVIELLE Dazgur, wara l-bieb hemm ukoll in-nutar biex jekk kulhadd jaqbel, infittxu niffinalizzaw il-bicca kollha u naghmlu l-kuntratt taz-zwieg.

JOURDAIN Hekk hu! Hekk hu! Xorti bhal din ta' min jahtafha. *(Icapcap idejh u jidhlu Qaddej 2 u 3)*
Morru fittxu ghidu lil Madame u lil Lucille jigu hawn... issa.

QADDEJ-2 Kollox sew Monsieur.

QADDEJ-3 Kol....

*QADDEJ 2 JAHTAF LIL QADDEJ 3 U JSODDLU HALQU. JITILQU*

CLEONTE Bradam mahber, argatas felum ahmates.

COVIELLE Qallek: Il-Gran-Sultan missieru jibghatlek il-barka tieghu kollha u jalla s-sigra tieghek taghmel frott is-sena kollha, il-bhejjem jimlewk bil-frieh u n-nisa tieghek ikunu dejjem fidili lejk.

JOURDAIN *(lill-Konti u lill-Markiza)* Smajtuha din.... il-Gran Sultan jibghat iselli ghalija. Dazgur, issa jien u hu se nkunu ta' gewwa. Kif se jkun jigi minni? Hatni? Nibda nghid: "Iva.. mela... ghax hatni l-Gran Sultan... hekk qalli l-ahhar li ltqajna."

*JIDHLU MADAME, LUCILE U NICOLE*

JOURDAIN *(lil martu)* Ghaziza Makukicca tieghi, illum nizlet xita ta' barka fuq id-dar taghna. Hawn ara, il-***Princep-ma-nafx-x'jismu***, bin il-Gran Sultan Tork, irid jizzewweg lil Lucile taghna. Ersaq 'l hawn binti.... ersaq tisthix minnu.... ara kemm hu simpatku.

LUCILE *(lil Cleonte, b'teghmiza)* Ghandi pjacir.

CLEONTE Asfala mabruk al xkelta mahas!

| | |
|---|---|
| COVIELLE | Qallek: It-teptip tal-kwiekeb u d-dija kollha tal-qamar jinhallu fix-xejn hdejn il-gmiel t'ghajnejk. |
| JOURDAIN | *(lil martu)* Qed tara, ghaziza tieghi, x'xorti messitna. Xi tghid eh? |
| MADAME | *(sarkastika)* Jekk inti trid izewwighulha jiena miniex se mmur kontra x-xewqa tieghek. |
| JOURDAIN | Brava.. brava.. sa fl-ahhar qed titghallem. U inti xi tghid, Lucile, hanini? |
| LUCILE | Insomma....inti tassew tixtieqni nizzewgu ? |
| JOURDAIN | Dazgur. Anzi, bhala missierek li naf x'inhuwa tajjeb ghalik jien nordnalek nilqghu bhala zewgek. |
| LUCILE | Mela allura jkolli nbaxxi rasi u naccetta. |
| JOURDAIN | Brava... brava... *(lill-Konti u lill-Markiza)* Qeghdin taraw x'kontroll ghandi fuq il-familja tieghi! Mela nistghu nsejhu lin-nutar u naghmlu l-kuntratt. |
| COVIELLE | Monsieur, jiena nixtieq nitolbok favur. Meta rajt lil Nicole... ma nafx x'hassejt. Nistqarr li nlift warajha. Nitolbok taghtiha l-permess tieghek biex tkun marti. |
| JOURDAIN | Imma...nobbli Konti Julien, Nicole hija biss daqsxejn ta' qaddejja. Inti jixraqlek xebba nobbli. |
| COVIELLE | Tibzax, il-Princep qalli li lest jaghtiha t-titolu ta' Skarfana... |
| JOURDAIN | Jigifieri...? |
| COVIELLE | Tip ta' Barunissa. |
| JOURDAIN | Eh.. hekk mod iehor. Mela ghandkom il-kunsens tieghi kollu. |
| NICOLE | Jien naccetta wkoll... ghaziz "Konti" tieghi. *(tmur tghannqu)* |
| JOURDAIN | *(icapcap)* Mela fittxu sejhu lin-nutar. |
| KONTI | U la darba se jkun hawn in--nutar, jien u l-Markiza qed nithajru naghmlu wkoll il-kuntratt taz-zwieg taghna. Hux tassew ghaziza tieghi? |
| MARKIZA | Hekk hu. |

JOURDAIN *(Jigbed lill-Konti fil-genb)* Naturalment... bic-cajt hux hekk... biex marti ma tissuspettax li jien u l-Markiza ninhabbu???

KONTI Dazgur... dazgur...

JOURDAIN Afli li inti tassew mohhok jilhaqlek.
*(B'lehen gholi)* U wara l-kuntratt ta' dawn it-tliet zwigijiet immorru ghall-pranzu.
*(Lil martu)* Qed tara ghaziza marti, kif bil-ghaqal ta' mohhi rnexxielna nidhlu fil-qalba ta' l-aristokrazija.

MADAME Ghaziz tieghi, jiena certa li m'hawnx mara ohra li ghandha ragel bhalek.

*JIDHOL IN-NUTAR*

NUTAR In-nutar hawn! Fejn huma l-gharajjes?

JOURDAIN Mela l-ewwel il-kuntratt imbaghad kulhadd ghall-ikel!

CLEONTE Kalamar onki, onka anka.

COVIELLE Li tfisser: "Kull min jipprova jitla' 'l fuq izzejjed, jiehu tisbita kbira!"

========= **S e p a r j u** =========

*CURTAIN CALL*

Kanzunetta Nru 3

---------------------------------------------------------------------------------------------------